**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Ottubru 2024**

**<u>Rikors Guramentat nru ; 25 /2024 AGV</u>**

AGC u NG C

vs

AGC u JGC għal kull interess li jista' jkollu

**IL-QORTI:**

**Rat ir- Rikors guramentat ta' AG C u NGC, fejn ippremettew is-segwenti:-**

*Fatti Maghrufa personalment*

1. Illi r-rikorrenti konjugi GC huma l-genituri ta' JGC li fis-sena elfejn u sbatax (2017) izzewweg lill-konvenuta AG C

2. Illi miz-zwieg ta' bejn il-konvenuti twieldet tifla, JGC nhar it-22 ta' Gunju 2020.

3. Illi ghalhekk il-minuri JGC t igi n-neputija paterna tar-rikorrenti.

4. Illi fl-ewwel snin ta' hajjitha, ir-rikorrenti kienu nvoluti sew fit-trobbija tan-neputija tant li kienu jiehdu hsiebha ghal hin twil meta l-konvenuti kienu jkunu xoghol. Dan wassal sabiex tinbena relazzjoni ferm sabiha u ta' imhabba bejn ir-rikorrenti u n-neputija, kif anke ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

5. Illi sfortunatament iz-zwieg tal-konvenuti tkisser irrimedjabilment u fil-prezent hemm proceduri kemmxejn konteggjuzi bejn il-konvenuti.

6. Illi l-konvenuta AGC , ghamlet minn kollox sabiex tnehhi lill-missier u lill-familja paterna minn hajjet bintha tant li r-rikorrenti ilhom kwazi sena ma jaraw lin-neputija taghhom filwaqt li l-konvenut J, ilu minn Gunju 2023 ma jara lil bintu.

7. Illi r-rikorrenti m' ghamlu xejn li jimmerita li jigu mhassra minn hajjet in-neputija taghhom u dan qed jikkawzalhom dulur kbir.

8. Illi fl-ahhar mill-ahhar ir-rikorrenti jemmnu illi huwa dritt fundamentali tal-istess minuri illi jkollha relazzjoni mal-familja paterna taghha li ma urewha xejn hlief imhabba u ghozza meta kienet tkun maghhom.

9. Illi sfortunatament il-konvenut JGC sab ruhu f'sitwazzjoni xejn felici u sana stante illi qieghed taht arrest preventiv u detenut gewwa l-Isptar Monte Karmeli ghall-osservazzjoni tas-sahha mentali tieghu. Illi dan l-izvilupp jirrendih f'sitwazzjoni ta' impossibilta' li jipprovdi manteniment ghal bintu kif ordnat mill-Onorabbli Qorti tal-Familja permezz tad-digriet moghti nhar is-6 ta' Settembru tas-sena 2023.

*Kunsiderazzjonijiet Legali*

10. Illi Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi kif gej fir-rigward ta' manteniment:-

*7.(1) Il-ġenituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-Artikolu 3B.*

*(2) Meta ma hemmx il-ġenituri, jew jekk dawn ma jkollhomx mezzi bizzejjed, id-dmir tal-manteniment u tal-edukazzjoni tal-ulied jaqa' fuq l-axxendenti l-ohra.*

*20.(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.*

*(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xort'ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghadd biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dhul li jinholoq taht trust.*

*(4) Ma jitqiesx li ghandu mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

Illi fir-rigward ta' access ghan-nanniet, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ippronunzjat is-segwenti fis-sentenza **Cosimo Marziano et vs Silvia Marziano et** moghtija nhar it-28 ta' Jannar tas-sena 2021:-

***"it will now be up to the Family Court to decide on the merits of the case, and therefore whether the grandparents should have any contact with their granddaughter. The Court is certainly not declaring that the plaintiffs have a guaranteed right to visit or have contact with their granddaughter. However, as grandparents, they do have a right to ask for visitation. The Family Court will then take a decision based on the best interests of the child."***

*11.* Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li huma applikabbli wkoll ghal kaz *de quo:-*

However, according to article 7(2) of the Civil Code grandparents have an obligation to provide maintenance for their grandchildren in particular circumstances:-

*"7(2) In default of the parents, or where the parents do not possess sufficient means, the liability for the maintenance and education of the children devolves on the other ascendants."*

29. An obligation which leads to the participation of the grandparents in the life of grandchildren. The law also provides that children have an obligation to provide maintenance to their ascendants in case of indigence (Art. 8 of the Civil Code). Such obligations would not seem to be justified if it is declared that in all cases, irrespective of the circumstances, grandparents have absolutely no right to ask the Court to authorize them to have some form of contact with their grandchild.

30. These obligations are in themselves a confirmation that Maltese law recognises the existence of a special relationship between grandparents and their grandchildren, and therefore grandparents have an interest in making a request to have some form of contact with their grandchildren.

12. Illi sa mill-1979, Il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem irrikonoxxiet illi r-relazzjonijiet bejn minuri u n-nanniet jikkostitwixxu parti fundamentali tad-dritt ghal hajja ta' familja protett mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Senjatament fis-sentenza moghtija nhar it-13 ta' Gunju 1979 fl-ismijiet *Marckx vs Belgium*, il-Qorti ppronunzjat is-segwenti:-

***"In the Court's opinion, "family life", within the meaning of Article 8 (art. 8), includes at least the ties between near relatives, for instance those between grandparents and grandchildren, since such relatives may play a considerable part in family life."***

*Raguni ghal kawza*

13. Illi minhajr ebda gustifikazzjoni imma semplicement ghaliex hemm proceduri kontenzjuzi ta' separazzjoni personali bejn il-konvenuti, ir-rikorrenti gew imcahhda min-neputija taghhom li tant ihobbu u jghozzu.

14. Illi l-konvenuta omm intiza li tnehhi lill-familja paterna minn hajjet il-minuri Julia, dan anke bil-mod kif qatghet kull kuntatt bejn il-membri kollha tal-familja u l-minuri meta qabel is-separazzjoni, kien hemm komunikazzjoni frekwentissima bejn il-konvenuta omm u r-rikorrenti – anke fuq oggetti ta' kuljum bhal halib jew it-tindif. Mas-separazzjoni kollox waqaf hesrem. Ir-rikorrenti lanqas qatt ma ghamlu azzjonijiet ta' hsara u ghalhekk ma jimmeritawx li anke huma jigu eradikati minn hajjet in-neputija. Dan huwa kaz ta' *grandparent alienation* li ssegwi principalment fuq il-passi tal-*parental alienation* li l-missier ghadda minnha.

15. Illi tenut kont tal-eta' tenera tal-istess neputija, huwa fundamentali illi din l-Onorabbli Qorti tintervjeni b'mod immedjat sabiex tigi salvagwardjata r-relazzjoni ta' bejn in-neputija u n-nanniet.

16. Illi stante li l-missier mhux f'posizzjoni li jmantni lil bintu, skont il-ligi dan l-obbligu jaqa' fuq in-nanniet paterni u huma lesti li jaghmlu dan.

17. Illi stante li n-nanniet paterni llum huma pensjonanti u ghalhekk jghixu fuq mezzi u ntrojtu limitati, ir-rikorrenti joffru li jilqghu ghandhom

lin-neputija u jmantnuha ghal numru ta' granet fil-gimgha li din l-Onorabbli Qorti tqis li jkun adegwat fic-cirkostanzi.

18. Illi b'mod alternattiv, ir-rikorrenti nanniet jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tistabilixxi modalita' ta' access bejn in-nanniet u n-neputija sabiex tigi salvagwardjata din ir-relazzjoni ta' mhabba u ghozza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, u in segwitu ghad-decizjonijiet tal-qrati kif hawn fuq indikati, ir-rikorrenti umilment u bir-rispett jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:-

1) Tiddikjara li huwa fl-ahjar interess tan-neputija JGC u kif jistabbilixxi d-dritt fundamentali taghha taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghad-Drittijiet tal-Bniedem illi hija tmantni r-relazzjoni ta' mhabba li kienet diga' tezisti bejnha u n-nanniet rikorrenti u dan billi jkun hemm hin ta' kwalita' bejniethom.

2) Tordna li jkun hemm access bejn ir-rikorrenti u n-neputija JGC billi tistabbilixxi dawk il-granet, hinijiet u direttivi li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni fic-cirkostanzi sabiex il-minuri J terga' tibni r-relazzjoni ta' mhabba li kien hemm.

3) Taghti dawk id-direttivi ohra li jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi sabiex tigi protetta r-relazzjoni bejn in-nanniet u l-minuri u l-hin tal-access hekk stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.

**Rat ir-Risposta Ġuramentata** ta' A GC eccepiet is-segwenti:-

1. Illi in linea preliminari, it-talbiet tal-esponenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom u dana stante li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) f'Malta m'għandhiex kompetenza ai terimini tal-Liġi Sussidjara 12.19 u 12.20 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Kodiċi Ċivili[1].
2. Ili fit-tieni lok, preżentement l-intimati AGC u JGC jinsabu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali quddiem din l-istess Qorti (Rikors Ġuramentat Nru 85/2023/AGV) inkluż dwar l-aċċess u l-manteniment tal-minuri J GC versu missierha JGC , iben l-atturi.
3. Illi in oltre, l-esponenti tixtieq tiġbed għall-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li l-avukata Dr Daniel Azzopardi Bonnano li ffirmat ir-rikors odjern għan-nom tal-atturi qiedgha tidher għall-intimat JGC fl-imsemmija kawża ta' separazzjoni personali. Dan jikkostitwixxi ksur serju tal-Kodiċi tal-Etika tal-avukati.
4. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari u fl-ewwel lok, in kwantu għad-dikjarazzjoni tal-fatti u r-raġunijiet għall-kawża, l-esponenti tirrileva li n-nanniet paterni minn dejjem kienu jikkontrollaw lill-intimati, l-aktar lil binhom J , sabiex jagħmlu dak li jiddettaw huma. Dan jidher ben ċar mill-fatt li l-atturi qed jiġu assisti mill-istess avukat tal-intimat J GC
5. Illi l-esponenti tiċħad bil-qawwa li qatt aġixxiet b'mod malizjuż fil-konfront tal-konvenut JGC u/jew in-nanniet paterni. Kif se jirriżulta mill-provi, l-intimat J GC ċaħħad lill-ġenituri tiegħu mill-aċċess stante li għalkemm kien hemm diversi interpellazzjonijiet mill-professjonisti u mill-istess Qorti sabiex jieħu l-għajnuna neċessarja, jmur għall-aċċess

[1] Artikoli 37, 39, 47, 57 u 66I tal-Kodiċi Ċivili jirregolaw d-dritt tal-aċċess tal-ulied minuri.

taħt superviżjoni u jonera l-ordinijiet tal-Qorti, huwa injorhom u baqa' jisfida l-ordinijiet tal-Qorti tant li anke ġie ordnat li jittieħdu proċeduri ta' disprezz fil-konfront tiegħu.

6. Illi inoltre, minflok l-atturi ħeġġew lill-binhom sabiex jieħu l-għajnuna li tant kellu bżonn ħalli jmur għall-aċċess u jonera l-ordinijiet ta' din il-Qorti, huma baqgħu jinnegaw li huwa għandu problemi psikjatriċi u psikoloġiċi; u għar minn hekk, huma infexxew f'sensiela ta' atti intimidanti fil-konfront tal-professjonisti, billi jheddu jew saħansitra irraportawhom lill-entitajiet varji, u anke heddu lill-esponenti tant li hemm proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tal-attur AGC

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fit-tieni lok fir-rigward it-talbiet tal-atturi, l-esponenti tirrileva li m'hemmx referenza għal-liema Artikoli tal-liġi qed jiġu msejsa fuqhom it-talbiet tal-atturi. Madankollu, l-intenzjoni u r-raġuni għala ġie intavolat ir-rikors odjern hija ben ċara, u ċioé sabiex ibeżżaw u jkissru lill-esponenti finanzjarjament u psikoloġikament talli rrapportat lill-pulizija l-aġir abbużiv u perikoluż tal-intimat J GC li wassal għall-arrest tiegħu fit-3 ta' Frar 2024 (ftit ġranet qabel ma' ġie intavolat ir-rikors odjern).

8. Illi b'referenza għat-talba tal-manteniment, mill-qari tar-rikors odjern jidher li l-atturi jagħmlu referenza għall-Artikolu 7(2) tal-Kodiċi Ċivili għat-talba tal-manteniment għall-minuri. Din it-talba kellha ssir fil-kontro-talba tal-intimat JGC fl-imsemmija kawża ta' separazzjoni personali kif ingħad fis-sentenza ***Manar Yassine vs Ahmed sive Ahmad Yassine*** deċiża nhar id-29 ta' Novembru 2018 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja);

9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tirrileva ukoll li n-nannu patern (l-attur) b'mod arroganti ddikjara quddiem il-Maġistrat Abigail Critien li huwa kien ħallas il-manteniment għall-minuri kif ordnat

minn din l-Onorabbli Qorti, għan-nom ta' ibnu ( JGC ), li mbagħad ftit xhur kien waqaf iħallsu.

10. Illi għalhekk, in-nanniet paterni għandhom id-dettalji bankarji tal-esponenti u jistgħu faċilment jivversawlha il-manteniment u ma kellhomx għalfejn jintavolaw il-proċeduri odjerni sabiex jagħmlu dan. Jekk xejn dan ikompli jikkonferma kemm din il-kawża ġiet intavolata b'mod malizzjuż, vessatorju u vendikattiv da parti tal-atturi.

11. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fit-tielet lok fir-rigward it-talba għall-aċċess, l-esponenti tirrileva li kien l-aġir tal-intimat, binhom, li ċċaħħadhom milli jkollhom ħin ta' kwalità u aċċess mal-minuri kif spjegat aktar 'l fuq. L-esponenti m'għandix tkompli tbati għan-nuqqasijiet kbar ta' binhom.

12. Illi *in ogni caso*, kif se jirriżulta mill-provi, l-esponenti tħoss li n-nanniet paterni qatt m'aġġixxew fl-aħjar interess tal-minuri, l-aktar minn meta ġiet intavolata l-kawża ta' separazzjoni bejn l-intimati. Huma kienu u għadhom ferm kontrollużi, intimidanti u abbużivi fil-konfront tal-esponenti, il-familjari tagħha u tal-professjonisti, filwaqt li bl-ebda mod ma pprovaw irażnu u jgħinu lill-binhom sabiex jieħu l-għajnuna u jobdi l-ordnijiet tal-Qorti anzi komplew jiggravaw is-sitwazzjoni bl-aġir tagħhom.

13. Illi dan il-komportament ċertament m'huwiex wieħed li jħares l-aħjar interess tal-minuri u li f'każ li din l-Onorabbli Qorti taghti aċċess għan-nanniet paterni, dan se jkompli jesponi lill-minuri u lill-esponenti għall-aktar abbuż gravi kemm b'mod dirett u anke indirettament, b'riskju kbir li jimmanipulaw u jgħawwu lill-minuri kontra l-esponenti u l-familjari tagħha, kif diġà qed jittantaw jagħmlu ma' diversi awtoritajiet u entitajiet.

14. Illi għalhekk, l-esponenti hija tal-umli fehma li m'huwiex fl-aħjar interess tal-minuri li jkollhom aċċess għan-nanniet paterni, filwaqt li

f'każ li l-Qorti fil-kawża ta' separazzjoni (Rik Ġur 85/2023/AGV) terġa' tordna li l-intimat jkollu aċċess liberu għall-minuri (mingħajr superviżjoni), hija m'għandha l-ebda oġġezzjoni li l-intimat jieħu lill-minuri għand in-nanna paterna f'każ biss li jieqfu mill-aġir imsemmi aktar 'l fuq, ma jimmanipulawx lill-minuri kontra l-esponenti jew il-familjari tagħha u jirriżulta li huwa fl-aħjar interess tal-minuri.

15. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fir-raba' lok, l-esponenti tirrileva li r-rikors odjern sar bil-għan u bl-intenzjoni li jipprovaw li l-intimat JGC jkollu aċċess liberu għall-minuri kontro l-ordnijiet tal-qorti, stante li preżentement l-aċċess tiegħu għall-minuri huwa sospiż fuq ordni mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-imsemmija kawża ta' separazzjoni. Dan ikompli jikkonferma l-iskop għala sar ir-rikors odjern mill-atturi u l-intimat, u ċioe' li jkomplu jisfidaw u jonqsu milli jonoraw l-ordinijiet mogħtija mill-qrati.

16. Illi finalment, jiġi rilevat li l-esponenti dejjem aġixxiet fl-aħjar interess tal-minuri sabiex tissalvagwardjaha u tipproteġiha minn kwalunkwe forma ta' abbuż, kif jista' jiġi kkonfermat mill-professjonisti.

17. Illi għaldaqstant, it-talbiet tal-atturi hekk dedotti fir-rikors odjern għandhom jiġu miċħuda fl-*intier* tagħhom u dana stante li huma, mingħajr ebda bażi legali, iżda biss sabiex ikissru lill-esponenti psikoloġikament u finanzjarjament u b'mod indirett lill-minuri.

Għaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto.*

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

Il-konvenuta  AG C ressqet eccezzjoni preliminari fir-Risposta taghha, fejn eccepiet illi dina l-Qorti mhix kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi dan il-kaz ai termini tal-Ligi Sussidjarja 12.19 u 12.20 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kodici Civili.

Fis-seduta tas-27 ta' Gunju, 2024, dina l-Qorti ordnat li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta ghandha tigi ttrattata u deciza qabel il-mertu.

**<u>Eccezzjoni Preliminari – Kompetenza</u>**

**<u>Legislazzjoni Sussidjarja 12.19</u>**

Il-Ligi Sussidjarja 12.19 li ggib it-titolu "Dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Civili" tipprovdi dwar il-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li tikkontempla hekk:-

***“Lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandhom jigu assenjati dawk il-kawzi li jaqghu taht il-kompetenza tal-Qorti Civili u li ghandhom x’jaqsmu ma’:-***

(a) It-Titoli I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap.16)

(b) L-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta’ Digriet ta’ Manteniment (Kap.48)

(c) L-Att Dwar iz-Zwieg (Kap.255)

(d) L-Att Dwar is-Sekwestru u l-Kustodja tal-Minuri (Kap. 410).”

__Legislazzjoni Sussidjarja 12.20__

Il-Ligi Sussidjarja 12.20 li ggib it-titolu “Regolamenti Dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) tipprovdi s-segwenti:-

***“2.F’dawn ir-regolamenti, sakemm il-kuntest ma jindikax mod iehor: (a) il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), il-Qorti Civili (Sezzjoni ta’ Gurisdizzjoni Volontarja) u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) huma rispettivament dawk is-sezzjonjiet tal-Qrati Civili kif stabbiliti bl-ordni Dwar it-Twaqqif ta’ Sezzjonijiet tal-Qrati Civili kif riprodott fl-Iskeda (L.S. 12.19).***

***4(1) Meta konjugi tkun trid tipprocedi biex tibda kawza ghas-separazzjoni personali jew divorzju kontra l-konjugi l-iehor jew l-ohra, dik il-parti ghandha l-ewwel titlob l-awtorita’ li tipprocedi***

***mil-Qorti Civili (Divizjoni tal-Familja) jew mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Divizjoni tal-Familja) skond il-kaz, kull wiehed minn dawn il-qrati, hawn izjed 'l quddiem f'dawn ir-regolamenti msejha "il-Qorti"…"***

Inoltre, skond l-istess ligi sussidjarja l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hija kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi talbiet dwar manteniment u access ta' ulied il-partijiet:-

***"10 (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 u 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti:-***

***(a) Nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, sew mizzewwgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' uliedhom; jew***
***(b) Manteniment bejn il-konjugi; jew***
***(c) Bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' separazzjoni personali jew minn kuntratt ta' separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta' divorzju; jew***
***(d) Tibdil fil-ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a);***

***Dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fir-regolament 4 (1) u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond ma hemm f'dik id-disposizzjoni."***

Dejjem skond il-Ligi Sussidjarja 12.20, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandha l-kompetenza li tisma' u tiddeciedi kawzi li ghandhom x'jaqsmu ma':-

***"4 (a) it-Titoli I, II u Iv tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap. 16)" u cioe':-***

***i) Titoli I tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili ntitolat "Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet li Jitnisslu miz-Zwieg***

***ii) Titolu II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili ntitolat "Fuq il-Filjazzjoni,"***

***iii) Titolu IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili ntitolat "Fuq is-Setgha tal-Genituri."***

Huwa taht il-Kodici Civili li hemm referenza ghan-nanniet jew ahjar "axxendenti" u effettivament fis-Sub-titolu II tat-Titolu I tal-Kodici Civili ntitolat "Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet bejn Axxendenti, Dixxendenti u Ahwa," il-Qorti tipprovdi dwar l-obbligu ta' manteniment li f'kaz biss li l-genituri jew jekk dawn ma jkollhomx mezzi bizzejjed, id-dmir tal-manteniment u tal-edukazzjoni jaqa' fuq l-axxendenti l-ohra, u cjoe' n-nanniet tal-minuri (Artikolu 7). Il-ligi tipprovdi anke l-gradi ta' kif u min huwa intitolat li jithallas manteniment (Artikolu 12).

Ukoll, fl-istess Sub-Titolu li l-ligi tipprovdi biss dwar il-manteniment ghat-tfal minuri mill-axxendenti u cioe' f'dan il-kaz in-nanniet tal-minuri, filwaqt li l-Artikoli li jirrelataw dwar l-access tal-minuri qedghin taht s-sub-Titolu III tat-Titolu I tal-Kodici Civili li huwa intitolat "Fuq il-Firda Personali."

Inoltre, Titolu IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili li huwa intitolat "Fuq is-Setgha tal-Genituri" fejn il-ligi tipprovdi dwar l-effetti u t-terminazzjoni

tas-setgha tal-genituri tal-ulied minuri. B'mod partikolari, taht l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili, il-ligi tipprovdi kif il-Qorti ghandha tiddeciedi dwar il-minuri dwar kwalunkwe disposizzjoni tal-Kodici fl-ahjar interess taghhom.

Mill-analizi tad-diversi ligijiet jirrizulta carament illi minn imkien ma jirrizulta li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandha l-kompetenza li tisma' u tiddeciedi dwar access tal-minuri versu l-axxendenti taghhom u cioe' n-nanniet paterni. Madanakollu, il-legislatur gharaf li ghandu jkun hemm partecipazzjoni tan-nanniet fil-hajja tan-neputijiet u dan bid-disposizzjonijiet fuq citati rigward il-hlas ta' manteniment, fejn in-nanniet ghandhom jikkontribwixxu lejn il-manteniment tal-minuri jekk kemm il-darba l-genituri mhumiex fi stat li jmantnu lil uliedhom.

Inoltre, l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili, jaghti diskrezzjoni wiesgha lil Qorti fejn, b'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Civili, il-Qorti tista' taghti ordnijiet fejn jezistu ragunijiet tajba, biex dejjem thares l-ahjar interessi tal-minuri u f'din l-istess disposizzjoni generali jfisser li jekk ikun opportun li t-tfal minuri jkollhom kuntatt man-nanniet u ser jibbenifikaw minn dan il-kuntatt, taht dina d-disposizzjoni tal-ligi, il-Qorti ghandha s-seta' li tawtorizza dan.

**Gurisprudenza**

Huwa fl-ahhar snin li zvillupat gurisprudenza li biha l-Qrati kienu iktar kuragguzi u taw interpretazzjoni wiesgha tal-posizzjoni legali fil-kaz fejn in-nanniet talbu li jinghataw access ghan-neputijiet.

Lura għat-3 ta' Lulju, 2019, fil-kaz fl-ismijiet **RB noe. vs RBM** il-Qorti ammettiet is-segwenti:-

***"Il-Qorti tagħraf illi huwa minnu dak li targumenta l-intimata illi d-dritt Malti ma jirrikonoxxix access versu n-nanniet.***

***"B'referenza għas-sentenza fl-ismijiet Neli Valcheva vs Georgios Babanarakis citata mir-rikorrent, il-Qorti tirrileva illi din is-sentenza m'hijiex applikabbli fil-kaz odjern peress illi a kuntrarju tal-ligi Maltija, il-ligi Bulgara fl-Artikolu 128 tal-Kodici tal-Familja tipprovdi għal dritt ta' access għan-nanniet, u kien a bazi ta' dan l-artikolu li n-nanna tal-minuri f'dik il-kawza kienet għamlet talba għall-access mal-minuri. Il-Qorti irrileva ukoll illi r-Regolament tal-Kunsill numru 2201/2033 ma jistabilixxix drittijiet t'access għall-genituri jew membri oħra tal-familja. Dan ir-regolament jistabilixxi biss regoli rigward il-gurisdizzjoni tal-Qrati u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' decizjonijiet mogħtija mill-Qrati tal-Istati membru tal-Unjoni Ewropeja fl-ambitu ta' kwistjonijiet specifici tal-ligi tal-familja, inkluz kawzi u decizjonijiet dwar drittijiet t'access lejn tfal minuri. Dan jidher b'mod car mill-Artikolu 41 li jipprovdi dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi li jiddeterminaw id-drittjiiet ta' access, izda ma jakkordawx xi drittijiet t'access.***

***"Id-drittjiet t'access imsemmija fl-artikolu 40(1)(1) mogħtija f'sentenza nfurzabbli li tkun ingħatat fi Stat Membru għandhom jigu rikonoxxuti u jkunu nfurzabbli fi Stat Membru ieħor mingħajr il-bzonn ta' dikjarazzjoni tal-infurzabbilita' mingħajr ebda possibilita' li ssir opposizzjoni għar-rikonoxximent tagħhom jekk is-sentenza tkun giet iccertifikata fl-Istat Membru tal-origini skond il-paragrafu 2."***

Il-Qorti, diversament ippreseduta marret oltre fil-kaz **Cosimo Marziano et. Vs Silvia Marziano** et deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2023 li kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Istanza deciza fil-28 ta' Jannar, 2020.

In-nanniet ghandhom dritt jirrikorru ghall-qrati biex ifittxu access ghan-neputijiet minuri taghhom, bid-decizjoni ahharija dejjem tittiehed fl-ahjar interess tat-tifel. Din kienet id-dikjarazzjoni finali tal-Qorti tal-Appell fejn il-fatti kienu jirrigwardaw nanniet Taljani ta' tifla minuri li kienet qed ighix hawn Malta ma' binthom imwarrba u zewgha, li kienu qed ifittxu sabiex jistabilixxu kuntatt mat-tifla.

Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) gharrfet l-interess guridiku taghhom li jfittxu access, li madanakollu ma kienx dritt awtomatiku u assolut. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat dina s-sentenza u fuq kollox osservat illi ghalkemm il-Kodici Civili ma kien fih ebda disposizzjoni espressa li taghti tali dritt li tfittex access, madanakollu, imponiet fuq in-nanniet obbligu li jipprovdu "ghall-manteniment u l-edukazzjoni tat-tfal" meta l-genituri naqsu jew ma kellhomx bizzejjed tfisser,

Il-Qorti tal-Appell ukoll osservat li l-ligi tiddisponi li f'kaz ta' bzonn tal-axxendenti taghhom, it-tfal huma marbuta li jipprovdu ghalihom. Obbligi bhal dawn wasslu sabiex in-nanniet jippartecipaw fil-hajja tan-neputijiet. Il-Qorti ziedet tghid li ma jkunx gustifikat li ssir dikjarazzjoni

generali li n-nanniet assolutament m'ghandhom l-ebda dritt li jfittxu xi forma ta' kuntatt permezz tal-qrati.

Ghalhekk jista' jigi konkluz li l-qorti gharrfet li tezisti "relazzjoni specjali" bejn in-nanniet u n-neputijiet u giet rikonoxxuta taht il-ligi Maltija u konsegwentement kien fl-interess guridiku tan-nanniet li jitolbu xi forma ta' kuntatt.

> ***"These obligations are in themselves a confirmation that Maltese law recognises the existence of a special relationship- between grandparents and their grandchildren and therefore grandparents have an interest in making a request to have some form of contact with their grandchildren."***

Kompliet biex qalet dan id-dritt mhux wiehed garantit –

> " ***it will now be up the Family Court to decide on the merits of the case, and therefore, whether the grandparents should have any contact with their granddaughter. The Court is certainly not declaring that the plaintiffs have a guaranteed right to visit or have contact with their granddaughter. However, as grandparents they do have a right to ask for visitation. The Family Court will then take a decision based on the best interests of the child."***

Ghalkemm fis-sottomissjonijiet taghha l-konvenuta taqbel li essenzjalment il-legislatur ghandu jemenda l-ligi sabiex tkun istradata u tirrifletti s-sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin u anke dawk Ewropej,

tikkontendi li gialadarba l-ligi ma tikkontemplax l-access ghan-nanniet, m'ghandhiex kompetenza sabiex tiddeciedi fuq dina l-materja.

Isostni inoltre, li ma taqbilx li decizjoni fuq kompetenza tigi allaccjata mal-Artikolu 149 tal-Kodici Civili, kif ghamlet il-Qorti fil-kaz ta' **Marziano,** artikolu li jimmira ghas-setghat tal-genituri u decizjonijiet li ghandhom jittiehdu fl-ahjar interess tal-istess minuri. L-istess konvenuta tikkontendi illi ***"li kieku l-legislatur ried jestendi dan l-Artikolu versu n-nanniet materni, dan kellu jsir billi jigu emendati l-artikoli tas-sub-Titolu II tat-Titolu I tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili sabiex jistipula l-parametri legali u jiggwida lill-Qorti meta tigi sabiex tisma' u tiddeciedi dwar l-access favur in-nanniet tal-minuri."***

Indubbjament kif gie rilevat minn dina l-Qorti fis-sentenza ta' **Marziano** –

> ***"This issue is by far and large an untouched area of our law and jurisprudence and in itself represents a "grey area" that requires great thought and adapting to the lines of thought at an international level."***

Di fatti fuq livell internazzjonali sar progress u zvilluppaw il-kuncett ta' "family life." Tramite l-gurisprudenza taghha, il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem waslet sabiex tiddeciedi li l-kuncett ta' "family life" taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni imur oltre r-relazzjoni bejn it-tfal u l-genituri taghhom. Dan gie stabbilit fil-kaz **Marcks vs Belgium** deciza fit-13 ta' Gunju, 1979 fejn il-Qorti rriteniet illi "family life" " ***includes at least the ties between near relatives, for instance***

***those between grandparents and grandchildren, since such relatives may play a considerable part in family life."***

Ghalhekk, quddiem il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem il-kuncett ta' "family life" jirrikjedi dak li gie stabbilit fil-kaz fuq surriferit li "*there are sufficiently close family ties between them*," jigifieri bejn in-nanniet u n-neputijiet, Il-Qrati marru oltre, fejn enuncjaw li ma hemmx il-htiega li jkun hemm xi tip ta' coabitazzjoni, ghax dan mhux prerekwizit ai fini ta' "family life," izda **"close relationships created by frequent contact" also suffice."**

Kien hemm zewg sentenzi***,*** **Manuello et Nevi** (2015) u **Beccarini et Ridolfi *(2017),*** fejn il-Qorti ma hassitx in-necessita' li jkun hemm "*close family ties*" bizzejjed jekk ikun hemm coabitazzjoni.

***"In* Beccarini et Ridolfi*, the grandparents had in fact been caring for their three grandchildren for approximately eight years, from when the children were very young. In* Manuello et Nevi*, on the other hand, there is nothing to indicate that they had ever lived together, and nevertheless the existence of a family life is not questioned."***

Il-Qorti fil-kaz **Johanna Petreski vs Andrew Borg Manduca et. Deciza fit-8 ta' Ottubru, 2024**, ghamlet studju estensiv fuq dina l-"grey area" u qalet hekk:-

***"Developments in society have therefore created grey areas in the law, because these developments take place at a much faster pace than legislative adaption. It therefore, becomes challenging because these grey areas may give risk to uncertainties concerning the existence of rights of access by persons other than parents, in this case grandparents.***

***In Valcheva vs Babanarakis decided on the 31st May, 2018, the Court questioned the following "with regard to grandparents specifically, is not that uncertainty disconcerting considering that, in principle and subject to the best interests of the child, contact between grandparents and their grandchildren, in particular in an ever-changing society, remains an essential source of stability for children and an important factor in the intergenerational bond which undoubtedly contributes to building their personal identity?"***

"The reasoning in the Valcheva case is however based upon a general presumption that grandparents are indispensable in their grandchildren's life as they offer them support and stability. Acting on this presumption can be dangerous as not every grandparent can necessarily offer that support and stability and if grandparents are seeking access rights to their grandchildren, this is obviously a consequence of conflict with the parents, who in exercising their parental authority have denied access between the grandparents and grandchildren for reasons they are aware of. It is here that the Court plays a significant role because it can override any parental decision if denying access to the grandparents is not in the best interests of their chidren. However, each case needs to be assessed individually."

In sintesi, il- Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem qatt ma warrbet kawzi li gew intavolati minn nanniet a bazi ta' nuqqas ta' kompetenza, kif ghamlet wara kollox il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hawn Malta, fil-kaz ta' **Marziano**, ghaliex apparti li n-nanniet ghandhom dritt u interess guridiku li jistitwixxu proceduri, jekk jinghatawx dan id-dritt jidddependi mic-cirkostanzi. Il-*punto di partenza* huwa li fil-kamp tal-ligi Civili stess, jekk kemm il-darba n-nanniet jifthu proceduri sabiex jinghataw access ghan-neputijiet, dan huwa r-rizultat ta' dizgwid bejn in-nanniet u l-genituri tal-minuri/neputijiet, li jezercitaw "parental authority" fuq uliedhom. Dan iwassal sabiex tinholoq atmosfera ta' nuqqas ta' kooperazzjonj u stabbilita' fil-familja, anke estiza, fejn generalment il-presunzjoni hi li n-nanniet jistghu joffru sapport lin-neputijiet.

Il-presunzjoni generali dejjem hi li n-nanniet huma importanti u relevanti f'hajjet in-neputijiet, ghax jifformaw parti minn nukleju familjari, izda il-Qorti qatt ma tista' titlaq minn din il-presunzjoni, ghaliex jekk kemm il-darba n-nanniet jispiccaw il-Qorti huwa evidenti li r-relazzjonijiet mal-genituri tal-ulied mhix wahda stabbli u l-istess nanniet jixtiequ jisfidaw id-decizjonijiet ezercitati mill-genituri tan-neputijiet minhabba li ghandhom "parental authority" u dawk l-istess decizjonijiet mhux qed jilledu d-dritt taghhom "***to a family life."***

Isegwi ghalhekk li, ghalkemm il-Qorti hija kompetenti, dan id-dritt tan-nanniet li jipprocedu, bhal fil-kaz odjern, mhux dritt assolut u l-ewwel kompitu li trid taghmel il-Qorti hija li trid tiddetermina jekk l-access man-

nanniet ser ikun ta' gid u fl-ahjar interess tal-minuri. Il-Qorti ma tistax titlaq mill-presunzjoni li n-nanniet huma indispensabbli f'hajjet in-neputijiet, ghaliex tkun qed tpoggi lil istess minuri f'posizzjoni inferjuri ghal dak tan-nanniet, posizzjoni li tippregudika l-iskop tal-istess proceduri, fejn il-minuri ghandhom ikunu fic-centru tal-kaz, fejn il-kaz ghandu biss jirrivolvi lejn l-interessi taghhom, irrispettivament mill-"parental authority" ezercitat fir-relazzjoni bejn genituri u ulied.

Ghalhekk, huwa evidenti li l-legislatur gharraf li l-interessi tal-minuri ghandhom ikunu supremi u ghalhekk ried l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili ikun disposizzjoni li joffri flessibilita' enormi lill-Qorti biex dejjem tissalvagwardja dawn l-interessi.

Fil-kaz **N.V. and C.C. vs. Malta** deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali fl-10 ta' Novembru, 2022, il-Qorti qalet hekk in konsiderazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

> ***"In assessing those decisions, the Court must ascertain more specifically whether the domestic courts conducted an in-depth examination of the entire family situation and of a whole series of factors, in particular of a factual, emotional, psychological, material and medical nature, and whether they made a balanced and reasonable assessment of the respective interests of each person, with a constant concern for determining what the best solution would be for the child (see Neulinger and Shuruk vs Switzerland (GC) No. 41615/07 §139, 6 July 2010).***

Il-Qorti marret oltre fejn spjegat illi:

> "***Indeed, the Court has often reiterated that there is a broad consensus – including in international law – in support of the idea that in all decisions concerning children, their best interests must be paramount (see for example, X vs Latvia (GC) no. 27853/09, §96, ECHR, 2013). Furthermore, the child's best interests may, depending on their nature and seriousness, override those of the parents (see Neulinger and Shuruk, cited above, §134, and Sahin v. Germany (GC), no. 30943/96, §66, ECHR 2003-VIII). In particular a parent cannot be entitled under Article 8 to have such measures taken as would harm the child's health and development.***
>
> ***….***
>
> ***59……What has to be determined is whether, having regard to the particular circumstances of the case and notably the serious nature of the decisions to be taken, the parents have been involved in the decision-making process, seen as a whole, to a degree sufficient to provide them with the requisite protection of their interests. If they have not, there will have been a failure to respect their family life and the interference resulting from the decision will not be capable of being regarded as "necessary" within the meaning of Article 8 (see T.P. and K.M. v the United Kingdom ..)***
>
> ***60. In various contexts the Court has also held that there is a positive duty to take measures to facilitate family reunification as soon as reasonably feasible (see for example, Strand***

***Lobben and Others, cited above, §205, and Abdu Ibrahim v. Norway (GC), no. 15379/16, §145, 10 December, 2021 and the case law cited therein."***

Certament, in-nanniet ghandhom dritt li jifthu kawza sabiex jinghataw access ghan-neputijiet, peress li taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ghandhom dritt ***"to a family life",*** liema Konvenzjoni tiehu precedenza fuq il-ligi domestika u ghalhekk il-Qorti hija kompetenti sabiex tikkunsidra tali kaz, ghaliex jekk il-genituri qed jiehdu decizjonijiet ghal uliedhom fejn jikkoncernaw lin-nanniet u jimpeduhom milli ikollhom kuntatt maghhom u l-istess nanniet iridu dak il-kuntatt, dina l-Qorti trid taccerta ruhha li dina l-awtorita' tal-genituri mhix qed tilledi d-drittijiet tan-nanniet

Dan kien ir-ragunar tal-Profs. K. Sandberg fl-Artikolu tieghu "Grandparents' and Grandchildren's right to contact under the European Convention on Human Rights:-

"***Grandparents and parents acting as opponents in a courtroom may be harmful to the children involved. It does not facilitate an atmosphere of cooperation where the grandparents can act as a support for the child.***[15] ***A case brought before the ECtHR often is a sign that there is not a peaceful relationship between the parties. In the private law cases, the parents for some reason do not want the grandparents to see the children, which is why the court system has become involved.***

***Grandparents may be good for their grandchildren, including in conflict cases. However, decisions in individual cases***

***cannot be based on this as a general presumption. Whether the grandparents' right to family life has been violated in a specific case should depend not only on the consequences for the grandparents but also – and more importantly – on whether contact is in the child's best interests. The best interest assessment has to be made individually, as required by Article 3(1) CRC. A result based on a general presumption may potentially be contrary to the best interests of the child in a specific case. Once a child is capable of forming a view, which children are from an early age, their best interests cannot be determined without hearing the child's own view. An awareness in this respect is all the more important as the ECtHR cases under Article 8 ECHR are brought by adults for violations of their right to family life. The best interests of the child only enter the case in the proportionality assessment and children's own rights are absent from the scene. If their best interests are not even properly examined and their views taken into account, children are placed in a subordinate position that does not harmonise with their being at the centre of the case.***[2]

Ghalhekk, ghandu jinghad pero' ukoll li kull kaz huwa individwali u l-Qorti fl-ambitu tal-kompetenza taghha bhala Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandha tiddetermina jekk hemmx ragunijiet sufficjenti li tawtorizza tali access, pero' li huwa l-iktar important huwa li d-decizjoni taghha ser tissalvagwardja l-ahjar interessi tal-minuri.

[2] Elevenjournals.com, Family & Law "Grandparents' and grandchildren's right to contact under the European Convention of Human Rights " Profs. K. Sandberg

**DECIDE:**

Għaldaqstant, dina l-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż ta' dina s-sentenza għandhom jiġu sopportati mill-konvenuta.

**Onor. Imħallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**